# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 8**
**Rikors Guramentat Numru : 185/2018/LSO**

**Antonia Vella (ID 200850M)**

**vs**

**Emanuel Vella (ID123247M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici Antonia Vella (ID200850M) datat 27 ta' Frar 2018 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:

1. Illi fil-15 ta' Ottubru 2008 miet George Vella, missier il-kontendenti, kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok 'A'.

2. Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat 7 ta' Frar 2006 (kopja annessa bhala Dok. 'B') - liema testment skont ir-ricerki testamentarji huwa l-ahhar testment tieghu u dana kif jirrizulta mill-annessi certifikati Dok. 'C' u 'D' - George Vella fost disposizzjonijiet ohra, innomina lil martu Carmela sive Maria Carmela Vella bhala eredi universali tieghu bil-fakolta lill-istess Carmela Vella li tiddisponi mill-wirt kif jidhrilha hi minghajr ebda limitazzjoni.

3. Illi fost il-propjeta` formanti parti mill-assi ereditarji ta' George Vella kien hemm nofs (1/2) indiviz tal-fond dar numru mija tmienja u hamsin (158), fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, akkwistata mid-defunt flimkien ma’ martu matul iz-zwieg taghhom, kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion datata 13 ta' Frar 2009 maghmula mill-istess martu – hawn annessa bhala Dok. 'E'. B'hekk Carmela sive Maria Carmela Vella saret propjetarja assoluta tal-fond hawn imsemmi.

4. Illi fil-11 ta' Dicernbru 2016 mietet omm il-kontendenti, Maria Carmela Vella (armla minn George Vella) kif jirrizulta mill-anness certifikat Dok. 'F'.

5. Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel datat l-1 ta' Settembru 2014 (kopja annessa bhala Dok. 'G') - liema testment skont ir-ricerki testamentarji huwa l-ahhar testment taghha u dana kif jirrizulta mill-annessi certifikati Dok. 'H' u T - Maria Carmela Vella fost disposizzjonijiet ohra, innominat u istitwit lill-attrici bhala unika eredi universali taghha.

6. Illi ghalhekk l-attrici saret propjetarja assoluta tal-fond dar numru mija tmienja u hamsin (158), fi Triq l-Imdina, Hal Qormi, kif jirrizulta mid-Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Schwalbe datata 27 ta' Frar 2017 maghmula mill-istess attrici - hawn annessa bhala Dok. 'J'.

7. Illi ghalhekk il-konvenut qieghed jokkupa 'l fuq imsemmi fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

8. Illi l-attrici talbet lill-konvenut sabiex jirrilaxxa l-pussess tal-fond de quo u jivvaka kompletament minnu - dana anki permezz ta' ittra legali datata 22 ta' Marzu 2017 (vera kopja hawn annessa bhala Dok. 'K' - izda minkejja dan il-konvenut baqa' jokkupa l-imsemmi fond.

9. Illi huwa manifestament car li l-konvenut qieghed jokkupa l-fond de quo abbuzivarnent u ma ghandux difiza ghat-talba tal-attrici sabiex jizgombra mill-fond imsemmi kif mitlub.

RAGUNI TAT-TALBA

Illi l-attrici hija l-unika eredi ta' ommha Maria Carmela Vella u dana kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' dan ir-rikors mahluf:

Illi fost l-assi formanti parti mill-eredita` tal-imsemmija Maria Carmela Vella hemm il-fond dar numru 158 fi Triq l-Imdina, Hal Qormi li allura llum il-gurnata tali dar hija proprjeta` assoluta tal-attrici:

Illi d-dar de quo hija okkupata mill-konvenut minghajr ebda titolu validu fil-ligi u ma jista' jkollu l-ebda difiza ghat-talba tal-attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit Dok. 'L';

Illi l-konvenut ghalkemm gie interpellat sabiex jirrilaxxa l-pussess tal-imsemmija dar u jizgombra minnha, baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi jghid ghalhekk l-attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa Dok. L;

2. Tiddikjara li l-konvenut qieghed jokkupa l-fond dar surriferita abuzivarnent u minghajr l-ebda titolu li jaghtih dritt ta' pussess;

3. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-istess proprjeta` inkwistjoni u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datat 22 ta' Marzu 2017 kontra l-konvenut minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni.

Rat li l-intimat prezenti fl-Awla ghas-seduta tas-27 ta' Marzu 2018 ammetta t-talbiet u li ghalhekk ma ressaqx opposizzjoni ghall-istess;

Rat il-verbal maghmul *seduta stante*, fejn il-konvenut iddikjara li diga vvaka l-fond in mertu.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond mertu ta’ dawn il-proceduri u kif deskritt fir-rikors promotur.

Illi l-intimat ammetta t-talbiet u kwindi, wara li rat l-artikolu 167 et *sequens* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, *in visto* tal-ammissjoni tal-konvenut u ta’ dak ivverbalizzat *seduta stante*, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa’** t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini tat-tielet (3) talba tordna li l-konvenut jizgombra mill-fond b'effett immedjat.

L-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ Marzu 2018**